**11 ta' Novembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Spiridione *sive* Spiro Muscat

*versus*

George Falzon

**Eċċezzjoni - Eċċezzjoni Ulterjuri - Nota' ta' - Karozza tal-Linja - Numru ta' Reġistrazzjoni Żbaljat**

*Appell dwar digriet ta' l-Ewwel Qorti li ċaħdet talba għall-eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi n-numru tal-karozza tal-linja indikat u meritu taċ-ċitazzjoni kien żbaljat.*

*Il-Qorti ta' l-Appell akkoljiet l-appell u għalhekk annullat id-digriet*

*ta' l-Ewwel Qorti u rrimettiet l-atti lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-30 ta' Marzu, 1995 li taqra hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta:

"Illi bi skrittura privata ta' l-20 ta' Mejju, 1986 (Dok. A) il-konvenut intrabat li jbigħ lill-attur, li ntrabat li jixtri l-*bus* numru Y-0061 (M) bil-prezz u l-pattijiet indikati fl-istess skrittura privata, fosthom li l-konvenut jagħti x-xogħol lill-attur, ta' *bus* sakemm titħallas is-somma u l-imgħaxijiet, u l-prezz kellu jitħallas bil-Lm100 kull ħmistax-il ġurnata. liema prezz kien jitħallas billi l-konvenut jitħallas direttament mill-*Public Transport Association* għal xogħol li l-attur kien jagħmel lill-istess assoċjazzjoni bl-imsemmija *bus*;

Illi l-imsemmija *bus* li kienet fil-pussess ta' l-attur u jaħdem biha, ġralha l-ħsara u l-konvenut ikkonsenja ċerti pagamenti li hu rċieva mill-imsemmija assoċjazzjoni lill-attur biex dan ikun jista' jirranġa l-ħsara fl-imsemmija *bus* u jkompli jaħdem biha:

Illi l-(konvenut) attur arbitrarjament, abużivament u llegalment iddeċida li l-attur huwa moruż fil-pagamenti akkonti u għalhekk ħa l-*bus* mill-pussess mill-attur:

Illi b'dan l-aġir il-konvenut ikkaġuna danni lill-attur kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża:

Talab li għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti:

Tikkundanna l-konvenut li jirrimetti fil-pussess lill-attur ta' l-imsemmija *bus* numru Y-0061 (M) u għal dan l-għan jiġi kkundannat biex fi żmien qasir u perentorju jikkonsenja l-imsemmija *bus* lill-attur;

Tiddikjara l-konvenut responsabbli għad-danni kollha ġà sofferti u li għad jiġu sofferti mill-attur minħabba l-aġir arbitrarju, illegali u abużiv tal-konvenut kif qabel spjegat meta ħa l-*bus* mill-pussess ta' l-attur;

Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur jekk hemm bżonn permezz ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra tal-15 ta' Diċembru, 1987, dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Jannar, 1988 u tal-mandat ta' sekwestru tas-27 ta' Jannar, 1988 kontra l-konvenut";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat is-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 1992, li biha ddeċidiet il-kawża in parte billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur u konsegwentement:

"Ikkundannat lill-konvenut biex fi żmien 48 siegħa jimmetti lill-attur fil-pussess tal-*bus* numru Y-0061 (M) u dana fin-nuqqas taħt il-komminazzjonijiet applikabbli f'każ ta'

disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti kkontemplati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

Iddikjarat lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attur - danni konsegwenzjali għall-aġir abbużiv u llegali tiegħu. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut u l-Qorti ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq it-tielet u r-raba' talba ta' l-attur";

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Novembru, 1994 li biha ġiet annullata dik is-sentenza ta' din il-Qorti billi "inavvertitament" naqset li tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u bagħtet lura l-atti quddiemha "biex il-kawża titkompla skond il-liġi";

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar, 1995, li jgħid hekk:

"Meta ssejħet il-kawża deher l-attur u l-avukati tal-partijiet;

Il-Qorti nnutat ir-rinviju ta' l-atti lilha mill-Qorti ta' l-Appell mis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 1994;

Billi f'din il-kawża l-kontendenti kienu ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar qabel ingħatat is-sentenza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1992, u l-istadju tal-provi kien hemm magħluq, il-kawża differita għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u jekk ikun il-każ, fuq il-meritu;

Il-kawża ġiet differita għat-30 ta' Marzu, 1995 għas-sentenza";

Rat li l-għada l-konvenut għamel rikors fejn informa lill-

Qorti illi hu ried jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri u dana fis-sens illi hu qatt ma kien pussessur jew proprjetarju tal-vettura u li anqas ma jeżisti dak in-numru;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu, 1995 li bih il-Qorti ċaħdet din it-talba billi kien proċeduralment skorrett u għal kollox inammissibbli li tiġi ppreżentata nota ta' eċċezjonijiet ulterjuri f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża meta kienet diġà ġiet - għat-tieni darba - differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Kif ġustament irrilevat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq ċitata, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza "għandha tiġi deċiża f'kap għaliha qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu" (artikolu 730 tal-Kapitolu 12). Haġa li fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 1992 din il-Qorti ma għamlitx. Fil-verità din il-Qorti kif presjeduta ġiet żvijata mill-fatt illi meta ħadet konjizzjoni tagħha l-kawża kienet ilha għal snin sħaħ tiġi trattata fil-meritu mingħajr l-iċken aċċenn għall-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza li wieħed kien jifhem li, fiċ-ċirkostanzi, tiġi deċiża preliminarjament. Mill-atti jidher ukoll illi l-konvenut, wara li ta l-eċċezzjoni, finalment injoraha u ma għamel l-ebda tentattiv biex isostniha. Jista' jkun ukoll għaliex kienet ovvjament mogħtija barra minn lokha u kienet manifestament insostenibbli;

L-eċċezzjoni hi mogħtija f'dawn it-termini:

"Preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materiae* peress illi l-att huwa wieħed tal-kummerċ u inoltre l-konvenut huwa negozjant";

Issa t-talba hija ppernjata fuq premessi ta' "aġir arbitrarju, abbużiv u llegali" da parte tal-konvenut li spussessa lill-attur mill-proprjetà tiegħu. Aġir doluż li allegatament ikkaġuna danni lill-attur li qed jitlob il-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tagħhom. Kif il-konvenut jippretendi li dan l-att doluż jista' jiġi kkwalifikat bħala "att tal-kummerċ" jeludi għal kollox il-komprensjoni ta' din il-Qorti. Mill-banda l-oħra jekk il-konvenut jippretendi li hu kummerċjant - u kieku dan il-fatt seta' jiġġjova l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione materiae* f'dawn iċ-ċirkostanzi li fihom avvanzat - hu ċertament ma ġieb l-ebda prova f'dan ir-rigward. M'hemmx għalfejn jingħad li mhux kull min ibigħ *charabanc* - li hu fin innifsu bis mezz ta' għixien - jikkwalifika awtomatikament għall-appellattiv ta' kummerċjant. Altru;

Il-Qorti qiegħda għal din ir-raġuni tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione materiae*;

Fir-rigward tal-meritu, il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid mas-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 1992. Hi tirriafferma l-kunsiderazzjonijiet tagħha f'dik is-sentenza u a skans ta' kull ekwivoku qed tirriproduċihom hawn taħt:

"Ikkunsidrat:

Il-konvenut hu proprjetarju tal-*bus* Y-0061. Bi skrittura tat-2 ta' Mejju, 1986 hu ntrabat li jbigħ dan il-*bus* lill-attur li ntrabat li jixtriha. Il-prezz konvenut kien ta' Lm9,000 li minnu l-attur ħallas Lm500 fuq il-ftehim u l-bilanċ kellu jitħallas b'pagament ta' Lm100 kull ħmistax, b'imgħax tat-8%. Biex jiffaċilitaw il-pagament tal-prezz, u anke, f'ċertu sens, bħala garanzija ta' l-istess, il-konvenut kreditur intrabat li jagħti x-xogħol "ta' *bus*" - mhux allura neċessarjament l-istess *bus*, oġġett tal-promessa tal-vendità - sakemm titħallas is-somma u l-

imgħaxijiet. Il-ftehim kien jintemm bil-klawsola 8, li effettivament ipprovokat din l-azzjoni. Din kienet tgħid testwalment - "Jekk kemm-il darba Spiro Muscat jonqos milli jħallas għal erba' darbiet, George Falzon ikollu d-dritt jirriprendi l-pussess ta' l-istess *bus*";

Jirriżulta li dan il-ftehim beda jiġi attwat u baqa' jiġi attwat għal diversi xhur. Il-bus ġiet konsenjata lill-attur u dana beda jaħdem bih. Dana kjarament kien il-ftehim bejn il-kontendenti, taċitu anke jekk mhux espress fl-iskrittura. Il-konvenut ta ukoll ix-xogħol ta' *bus* ieħor lill-attur li beda jaħdem bih ukoll. Il-konvenut beda jirċievi l-pagamenti lilu dovuti mill-attur, direttament mill-Awtorità tat-Trasport. Hu kien infatti jirċievi żewġ *cheques*, wieħed għax-xogħol ta' kull *bus* li kien jaħdem bih l-attur. *Cheque* minnhom, li ġeneralment kien ikun ta' Lm133, kien iżommu l-konvenut biex iħallas il-pagament tax-xahar. Iċ-*cheque* l-ieħor kien jikkonsenjah lill-attur. Ġara kif soltu jiġri, li kien hemm xi ħsarat pjuttost rilevanti fil-*bus* u billi l-attur ma kienx f'posizzjoni li jagħmel tajjeb għalihom waħdu, talab l-għajnuna tal-konvenut. Dana għinu billi avvanzalu s-somma ta' Lm700, però, l-attur beda jibqa' lura fil-ħlas, anke jekk ma hemm l-ebda indikazzjoni illi l-konvenut ma baqax jieħu regolarment il-pagament ta' Lm133 mill-Awtorità tat-Trasport. Seta' allura ġara - imma dan mhux ċar - illi l-konvenut beda jaddebita l-ħlasijiet biex jaqta' l-flus avvanzati minnu għall-ħsarat u b'hekk illum qed isostni li l-attur baqa' lura fil-ħlas ta' pagamenti ta' rati mensili mill-kapital;

Il-konvenut beda jinsisti fuq il-pagament. L-attur intant sab għajnuna mingħand ċertu Meli li daħal f'negozjati miegħu u mal-konvenut biex iħallas il-bilanċ lilu dovut fuq il-*bus* u dan b'mod li allura l-attur jibda jkun jaf lilu biss. Appena l-konvenut irrejalizza li dana kien ser jiġri, hu nsista ma' l-attur għall-pagament sħiħ u mar flimkien ma' żewġt irġiel oħra u fiżikament ħadu pussess tal-*bus*. Il-konvenut isostni li għamel

dan in forza ta' l-artikolu 8 ta' l-iskritura fuq ċitata;

Il-konvenut infatti jeċċepixxi: "L-attur iffirma fl-iskrittura fejn kien intrabat li jekk ma jħallasx ċerti pagamenti, kellu jirritorna l-vettura msemmija". Verament għall-preċiżjoni għandu jingħad li l-iskrittura tgħid diversament. Ma timponi l-ebda obbligu fuq il-kompratur, attur f'din il-kawża. Tgħid biss li l-venditur: "ikollu d-dritt jirriprendi l-pussess ta' l-istess *bus*". Il-kompratur għandu l-obbligu li jħallas u ta' dan jinstab li kien inadempjenti, imma ma jistax jiġi ritenut responsabbli ta' inadempjenza kuntrattwali għax ma kkonsenjax il-*bus* lill-konvenut volontarjament meta kien moruż. L-iskrittura tagħti lill-venditur id-dritt tar-ripreża kemm-il darba tavvera ruħha l-morożità pattwita u hu l-eżerċizzju ta' dan id-dritt li l-attur qed jikkontesta;

L-attur qed jikkontendi li l-konvenut arbitrarjament, abbużivament u llegalment iddeċida li hu kien moruż fil-pagamenti akkont u għalhekk ħa l-*bus* mill-poter ta' l-attur u dan mingħajr ebda dritt validu fil-liġi. Il-konvenut, fid-dikjarazzjoni tiegħu ġuramentata jsostni li l-attur ikkonsenjalu dan it-*truck* volontarjament mingħajr ebda forma ta' vjolenza u wara li l-partijiet waslu għall-ftehim bonarju. L-istat tal-provi quddiem il-Qorti juru xort'oħra. Ċertament ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' xi ftehim bonarju bejn il-konvenut u l-attur biex ta' l-ewwel jieħu t-*truck*. Jekk xejn hemm elementi ta' ftehim biex il-konvenut jirċievi l-bilanċ kollu dovut lilu mingħand terz u b'hekk il-proprjetà tal-*bus* tgħaddi minn idejh għal għand l-attur. Jiġi nnotat li l-konvenut ma kellu ebda dritt jirrifjuta pagament intier minn terza persuna fl-interess tad-debitur; "il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li tofri lilu terza persuna jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur" (artikolu 1149 tal-Kodiċi Ċivili). Il-qorti mhix konvinta li din ma kinitx proprju ċ-ċirkostanza li setgħet ittellef il-proprjetà tat-*truck* lill-konvenut u li kienet din li pprovokat l-azzjoni unilaterali tiegħu li jieħu

pussess furzat tal-*bus*;

Il-konvenut donnu jrid jiddeduċi l-volontarjetà ta' l-attur li jikkonsenjalu t-*truck* mill-mod apparentement passiv kif ippermetta lilu u liż-żewġt irġiel oħra jieħdu l-pussess furzat tal-*bus*. L-attur jiddikjara li ma rreaġixxix għax beża' minnhom, għax telgħu fil-*bus* bħal "klieb tal-pulizija". Il-Qorti temmen u tifhem li r-reazzjoni ta' l-attur kienet waħda simili għal dak li jsib ruħu vittma ta' *hijack*. Jibqa' l-fatt li fi ftit siegħat wara l-inċident l-attur mar jirrapporta dak li ġara lill-pulizija - ċirkostanzi li kriminalment jistgħu jiġu definiti bħala r-reat ta' *ragionfattasi*. Għall-Qorti - li l-funzjoni tagħha hu li tittutela l-istat ta' dritt kontra l-liġi tal-ġungla - aġir simili hu għal kollox ripunjanti u inaċċettabbli anke f'ċirkostanzi fejn jiriżulta b'ċertezza li min jikkommetti l-azzjoni unilaterali forzata spoljattiva tal-pussess seta' jkollu raġun fil-meritu. *Multo magis* dan hu l-każ fejn id-dekadenza tad-debitur minnu kontestata fuq diversi kapi flimkien maċ-ċirkostanza li terz kien intitolat li jħallas id-dejn kollu dovut, kien jeħtieġ li jiġi determinat ġudizzjarjament biex jiġi stabbilit jekk il-venditur verament kellux id-dritt li jirriprendi l-pussess tal-*bus*. Kien il-każ ukoll li jiġu eżaminati l-effetti ta' tali dekadenza jekk tirriżulta, u ukoll li jiġu eżaminati dawn l-effetti fid-dawl tal-ftehim kollu bejn il-kontendenti. Kien irid ukoll jiġi deċiż, f'każ li tali dekadenza tirriżulta ppruvata, xi drittijiet seta' jibqagħlu d-debitur fuq l-ammont rilevanti li kien ġà ħallas u jekk id-dekadenza kinitx twassal għar-riżoluzzjoni sħiħa tal-ftehim b'dak kollu li dan ikun jimporta fir-relazzjonijiet bejn il-kontraenti. Sitwazzjonijiet dawn li uħud minnhom ma jidhrux li huma kontemplati fl-istess skrittura u kien ikun meħtieġ li jiġu epurati fi proċeduri appożiti;

Dan kollu qed jingħad mhux biss biex tiġi sottolineata n-neċessità tal-konvenut li jirrikorri għall-Qorti biex jirrivendika d-drittijiet pretiżi tiegħu skond l-iskrittura ta' promessa ta'

bejgħ imma ukoll biex jingħata riżalt lill-aġir arbitrarju u llegali tiegħu. Il-premessi ta' l-attur jirriżultaw għalhekk ippruvati u l-uniku rimedju effettiv biex din il-leżjoni ta' l-istat ta' dritt tiġi sanata għandu jkun, qabel xejn, ir-reintegrazzjoni ta' l-attur fil-pussess tal-*bus* mill-konvenut. L-aġir dilettuż ippruvat tal-konvenut naturalment jirrendih passibbli għad-danni skond l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili; danni li l-Qorti ser tirriserva li tillikwida aktar tard";

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża in parte billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, inkluża dik ta' l-inkompetenza *ratione materiae*, aktar 'il fuq kunsidrata u tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konveut biex:

Fi żmien 48 siegħa jimmetti lill-attur fil-pussess tal-*bus* numru Y-0061 (M) u dana fin-nuqqas taħt il-komminazzjonijiet applikabbli f'każ ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti kkontemplati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

Tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur - danni konsegwenzjali għall-aġir abbużiv u llegali tiegħu;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut;

Il-Qorti tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq it-tielet u r-raba' talba ta' l-attur";

Minn dik is-sentenza appella l-konvenut George Falzon li talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, l-ewwel, id-digriet mogħti mill-Qorti appellata fis-7 ta' Marzu, 1995 billi tippermettilu jressaq il-provi fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu u

kontestwalment li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 1995 in kwantu konfliġġenti ma' l-ewwel talba jew alternattivament li tirrevoka jew tħassar it-tieni sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 1995 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

Din il-Qorti sejra tissofferma ruħha, fl-ewwel lok, fuq it-talba għar-revoka tad-digriet tas-7 ta' Marzu, 1995, mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Dan id-digriet jirreferi għar-rikors li l-konvenut kien ippreżenta fl-24 ta' Frar, 1995 fejn filwaqt li ppremetta illi l-kawża kienet differita għas-sentenza, irrileva *li hu xtaq* jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fis-sens illi hu qatt ma kien pussessur jew proprjetarju ta' vettura numru Y-0061 (M) u anqas ma jeżisti dan in-numru;

L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba minħabba li, fil-fehma tagħha, kien skorrett u inaċċettabbli *illi l-istess eċċezzjoni* tingħata f'dak l-istadju inoltrat tal-kawża u meta l-istess kienet diġà ġiet differita darbtejn għas-sentenza;

L-appellant iġib ħafna argumenti in sostenn ta' l-aggravju tiegħu illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ċaħditlu l-possibbilità illi jippreżenta din *in-nota ta' eċċezzjonijiet* ulterjuri;

In realtà, din il-Qorti tara illi ħafna mill-argumenti miġjuba il-quddiem mill-appellant in sostenn ta' dan l-aggravju huma tant imġebbdin illi lanqas jimmeritaw illi din il-Qorti taħli ż-żmien fuqhom. Però, hemm punt wieħed *importanti illi*, għalkemm ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-eċċezzjoni relattiva jmissha ingħatat qabel ma l-kawża kienet differita għas-

*sentenza u mhux fl-aħħar mumenti*, huwa ta' mportanza tali illi, *fil-fehma ta'* din il-Qorti, kien il-każ illi wieħed jieħdu in *konsiderazzjoni*. Dana jirreferi għan-natura ta' l-eċċezzjoni *ulterjuri nfisha* li l-appellant talab il-permess li jkun jista' *jippreżenta*, liema permess ġie miċħud. Il-punt li trid tagħmel *din* il-Qorti huwa li f'din l-eċċezzjoni hemm indikat illi n-numru tax-xarabank meritu tal-kawża, illi wara kollox tagħha qed jintalab ir-ripreża tal-pussess, ma jeżistix. Il-konsegwenza naturali ta' dan, jekk bħal punt dan huwa veru, hija illi kwalunkwe sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti deher li l-partijiet dan fehmuh u deher ukoll li ma hemmx raġuni għala din il-Qorti għandha taħseb illi l-allegazzjoni li n-numru Y-0061 (M) ma jeżistix hija xi waħda frivola u vessatorja. Anzi, hemm indikazzjoni proprju ta' l-oppost. F'dawn iċ-ċirkostanzi, mhux għax l-Ewwel Qorti ma kellhiex raġuni tiddeċiedi kif iddeċidiet, iżda għaliex is-sens ta' prattiċità u biex jiġu salvati l-atti kemm jista' jkun b'mod li kwalunkwe sentenza finali li tista' tingħata tkun esegwibbli, din il-Qorti hija tal-fehma illi hu l-każ illi d-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jiġi revokat;

Bħala konsegwenza ta' dan, is-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1995 illi fiha ġie deċiż li jiġu akkolti l-ewwel u t-tieni domanda ta' l-attur inkluża l-ordni ta' l-immissjoni fil-pussess ta' *bus* numru Y-0061 (M), għandha ukoll titħassar biex il-kwistjoni tan-numru tiġi epurata kif għandu jkun u jekk hu l-każ issir il-korrezzjoni meħtieġa jew tiġi deċiża l-kwistjoni;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, l-appell qed jiġi akkolt u, konsegwentement, din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu, 1995 li bih ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, u minflok, tilqa' l-istess talba, filwaqt illi tirrevoka kontestwalment ukoll is-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1995 in kwantu illi din ma tistax tibqa' ferma stante d-deċiżjoni l-oħra li

diġà ttieħdet;

L-ispejjeż ta' din l-istanza, stante l-konsiderazzjonijiet supra, għandhom jiġu sopportati bejn il-partijiet nofs kull wieħed;

L-atti qed jintbagħtu lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi.